# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 22 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 35.**
**Citazz. Nru. 2483/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**George u Maria mizzewgin CUTAJAR.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 21 ta' Lulju, 1995 fl-atti Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok "A"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti George u Maria mizzewgin Cutajar;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti George u Maria mizzewgin Cutajar fis-somma ta' sitt elef, tmien mija u sitta u disghin liri maltin u hames centezmi (Lm6,896.05) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' George u Maria mizzewgin Cutajar

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B33") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Frar, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok "C", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil George u Maria mizzewgin Cutajar jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, tmien mija u sitta u disghin liri maltin u hames centezmi (Lm6,896.05) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' George u Maria mizzewgin Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B33") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Frar, 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'elfejn tmien mija sebgha u sebghin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2877.42) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' erbat elef u tmintax-il lira maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm4018.63) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**22 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Frar, 2001.**